MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 208/2007/1

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Mark Gerald Naylor,**
**u b'digriet tas-sbatax (17) ta' Ottubru 2007 giet kjamata in kawza s-socjeta` Tourist Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat ir-rikorsipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 2007, permezz ta' liema s-socjeta' rikorrenti talbet lil Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elfejn mitejn u hamsa w sebghin lira maltin u

disghin centezmu (LM2,275.90)) in kwantu s-somma ta’ elf sebgha mija u hamsa w sebghin lira maltin u disghin centezmu (LM1,775.90) jew somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, rapprezentanti valur t’apparat konsistenti f’Beverage Dispensing Unit, proprjeta’ tas-socjeta’ rikorrenti u moghti b’self lill-intimat a tenur ta’ kuntratt datat sbatax (17) ta’ Marzu 2003, bejn il-kontentendi (kopja tieghu hawn annessa w immarkata Dok. A) ghal uzu mill-outlet ‘La Vallette Resort’ gestit mill-intimat u liema apparat inqered kompletament htija tal-intimat, u prevja dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti, li l-intimat huwa responsabbli ghat-telf tal-istess apparat a bazi tal-artikolu 1.3 tal-imsemmi kuntratt u ‘n kwantu s-somma ta’ hames mitt lira maltin (LM500) rapprezentanti danni prelikwidati dovuti mill-intimat a tenur tal-artikolu 7.1(b) tal-imsemmi kuntratt minhabba ksur tal-istess kuntratt, prevja dikjarazzjoni li l-intimat kiser l-istess kuntratt u dan kif kollu ser jirrizulta ahjar waqt t-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja li l-intimat gie nterpellat diversi drabi sabiex jaffettwa l-hlas relattiv, huwa baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ meta l-ammont gie dovut sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat n-nota tas-socjeta attrici ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Lulju 2007 (fol. 3) li permezz taghha esibixxa kopja tal-kuntratt bejn il-partijiet li bi svista ma gietx ipprezentata mal-avviz u li huma mmarkat bhala Dok. A (fol. 4 et seq).

Rat li fis-seduta tas-sbatax (17) t’Ottubru 2007, l-konvenut talab li tigi kjamata ‘n kawza s-socjeta’

Tourist Services Limited (fol. 10) liema talba ma gietx opposta mill-attur u li konsegwentement giet milqugha mill-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax (11) ta' Marzu 2008 xehed **Chris Micallef** (fol. 16) fejn qal li jiftakar li xi zmien ilu hu kien mar f'La Valette Resort flimkien ma' l-imghallem tieghu sabiex ifittex *beverage dispensing unit*. Qal li meta effettivament kien mar din il-*unit* ma kienetx hemmhekk. Ftakar li s-superjuri tieghu kienu baghtuh biex imur f'dan ir-*resort* sabiex jaghmel *service* lill-magna pero' l-magna ma sabhiex u fil-fatt kien sab li anke l-istabbiliment kif kien qabel konsistenti f'bar ma kienx ghadu jezisti u kienu qalulu li l-post kien inharaq. Qal li kien hemm persuna fuq il-post li ma jafx x'jisimha u qaltlu li hemmhekk kien ha jaqa' kollox u jinbena mill-gdid. Qal li naturalment hu rraporta dan lis-superjuri tieghu.

Illi nhar l-hdax (11) ta' Marzu 2008 xehed **Ray Scerri** (fol. 18) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' *manager* tal-*beverage dispensing unit* ta' Farsons u jiehu hsieb il-manutenzjoni u l-installazzjoni tad-*dispensing equipment* li hemm f'bars madwar Malta. Qal li s-soltu huma jaghmlu *agreement* ma' l-*outlet* li se jkollhom din id-*dispensing unit* u dan sabiex il-pozizzjoni kemm tas-socjeta' Farsons kif ukoll tas-sid ta l-*outlet* ikunu regolati u b'hekk jigi ccarat kif se jiehdu hsieb din il-*unit*. F'dan il-kaz kien ghadda certu zmien u m'ghamlux manutenzjoni, mar xi hadd mit-*technicians* taghhom fuq il-post biex jaraw x'inhi s-sitwazzjoni. F'dan il-kaz ftakar li kienu baghtu lit-*technician* taghhom Chris Micallef fuq il-post, kien mar u qalilhom li ma kienx sab id-*dispensing unit* hemmhekk u li kien sab il-post zarmat. Qal li hu fuq il-post ma marx. Qal li sussegwentement huma jkunu jridu jaghmlu *claim* biex igibu l-*equipment* lura u meta l-*equipment* ikun tpogga

fuq il-post, ikun hemm dokument li jindika l-valur ta' dan l-*equipment* u ghalhekk ikunu jistghu jikklejmjaw dak il-valur li ikun gja gie dikjarat bejniethom. Qal li f'dan il-kaz il-valur kien ta' elf, seba' mija hamsa u sebghin lira u disghin centezmu Maltin (Lm1,775.90c). Qal li ma' Mark Naylor ma tkellem qatt.

Rat n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Gerard Naylor fejn eccepixxa is-segwenti (fol. 25):

*1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma ghal kollox konflingenti , in kwantu t-talba ghad-danni prelikwidati fis-somma ta Lm500 tikkonfliggi ghal kollox mat-talba ghal hlas ta Lm1,775 li jirrapprezenta l-allegat valur ta' l-oggett – is-socjeta attrici trid taghzel jekk tapplika d-dispost ta l-Artikolu 7.1 (b) tal-kuntratt jew titlob il-valur ta' l-oggett.*

*2. Illi fil-mertu it-talbiet attrci huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici u dan stante li fl-ewwl lok jigi eccepit il-casus taht –Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti mhux responsabbli ghal kwalunkwe hsara lamentata mis-socjeta' attrici, la kuntrattwalment u lanqas legalment.*

*4. Illi konsegwentement ma hemm ebda danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' attrici.*

*5. Salv ecezzjonijiet ulterjuri.*

Rat n-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Tourist Services Limited ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Awwissu 2008 (fol. 26) li permezz taghha ecepixxa s-segwenti:-

*1. Preliminarjament illi hija mhiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet tar-rikorrenti, u dan ghaliex l-eccipjenti mhix parti fil-kuntratt tas-17 ta' Marzu 2003 li fuqu huma msejsa l-pretensjonijiet tar-rikorenti.*

*2. Illi tant hu hekk, li l-ewwel darba li l-eccipjenti semghet bil-*beverage dispensing unit *mertu ta' din il-kawza, kien proprju meta giet notifikata b'dawn il-proceduri.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ma hija bl-ebda mod responsabbli ghall-allegata qerda ta l-imsemmi* beverage dispensing unit*.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha tingieb prova tal-valur tal-*beverage dispensing unit*.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost anke jekk ghall-grazzja tal-argument* dato non concesso*, jinstab li l-eccipjenti ghandha xi htija fl-allegata distruzzjoni tal-*beverage dispensing unit*, hija qatt ma tista' tigi ordnata thallas danni prelikwidati skond kuntratt li fil-konfront ta' l-eccipjenti huwa res inter alios acta.*

Rat n-nota tal-konvenut Mark Gerald Nayloripprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-sbatax (17) ta' Marzu 2009 (fol. 36) permezz ta' liema esibixxa kopja tal-affidavit tieghu bhala Dok. MGN (fol. 37 et seq).

F'dan l-affidavit l-attur jikkonferma li nhar it-13 ta' Jannar 2003 huwa ffirma flimkien ma' martu ftehim mas-socjeta' kjamata 'n kawza fejn gie awotizzat jopera numru ta' servizzi gewwa il-blokkok 'La Valette' u 'Perelos' f'St. George's Park, San Giljan u dan skond il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim. Jispejga li wiehed minn dawn l-istabilimenti li kien qed jopera kien il-Lounge Bar

tal-Blokka ‘La Valette’. Jghid li dan l-istabiliment kellu *seating capacity* ghal tmienja. Qal li meta beda jopera dan il-post diga’ kien hemm din id-*dispensing unit,* kien sabha hemm fil-post, u gie mistoqsi mis-socjeta’ Simmonds Farsons sabiex jiffirma ftehim maghhom dwar l-uzu taghha u hekk ghamel nhar is-17 ta’ Marzu 2003.

Jghid li huwa kellu *maintenance person* impjegat mieghu, certu Drago Bovrivich, ghalhekk kien hemm okkazzjonijiet fejn kienu l-impjegati tas-socjeta Simmonds Farsons li kienu jghamlu *maintenance* u huwa kien ihallas apparti.

Jiftakar li nhar il-15 ta’ Dicembru 2006, ghall-habta tal-10.30p.m., huwa kien ircieva telefonata minghand Paul Testaferrata li kien qallu li kien hemm hruq fil-Lounge Bar u meta mar fuq il-post minnufih sab li kien hemm nies mid-Dipartiment tat-tifi tan-nar li kien tfew in-nar u kien sab biss id-duhhan. Qal li id-*dispensing machine* giet milquta bin-nar izda ma ramihiex, pero’ ma jafx jekk hadhiex sid il-post jew jekk is-socjeta’ Farsons kinitx gabritha lura. Jghid li s-sidien tal-Lukanda in segwitu marru fuq il-post u bdew jarmu l-affarijiet li kienu mahruqa u dan waqt li hu ma kienx prezenti.

Kien gie infurmat li l-hruq gie kagunat minhabba *short circuit* f’wiehed mis-switches tad-dawl tal-Bar. Jghid li sakemm dam jopera dan l-istabiliment, qatt ma kellu xi problemi bl-elettriku li kien hemm installat u qatt ma ghamel xi alterazzjoni fis-sistema tad-dawl li kien hemm esistenti fil-post. Ikkonferma li nzammet Inkjesta Magisterjali, izda ma jaf li ttiehdu l-ebda proceduri kriminali. Stqarr ukoll li safejn jaf hu s-socjeta’ kjamata ‘n kawza giet rimbursata ghad-danni li sofriet mis-socjeta’ assikuratrici taghha.

Rat n-nota tal-konvenut Mark Gerald Naylor ipprezentata seduta stante nhar s-sitta (6) ta’ Mejju 2009 (fol. 40) permezz ta’ liema esebixxa

kopja tal-konkluzzjonjijiet tal-Inkjesta Magisterjali konnessa mal-mertu ta’ din il-kawza bhala Dok. MGN 2 (fol. 41 et seq).

Minn ezami ta’ dan il-proces verbal jirrizulta, li skond l-esperti nominati fl-Inkjesta mill-Magistrat il-hruq fil-post sehh minhabba l-*ballast* jahraq tat-tubi fluorexxenti li kienu jinsabu imwahlin mal-injam tal-*wall unit*.

Illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta’ Jannar 2010 xehed **Raymond Scerri** ’n kontr’ezami (fol. 62 et seq) fejn mistoqsi kif kien wasal ghall-valur li ta fix-xhieda precedenti tieghu wiegeb li dan l-ezercizzju ghamlu minn fuq il-*purchase orders* li kellu. Qal li l-ammont ta’ LM1,775.90 imsemmi fix-xiehda tieghu tal-hdax ta’ Marzu 2008 jirraprezenta l-valur tal-magna meta kienet gdida. Mistoqsi meta effettivament xtraw din il-magna partikolari wiegeb li huwa difficli hafna li jghid. Qal li tal-*cooler* in kwistjoni ma jkollhomx *serial number* u m’huwiex unika w ghalhekk ma setghax jghid bi precizjoni meta xtrawh. Qal li l-kumpanija taghhom ghandha sistema fejn fiha hemm *recorded* l-*assets* kollha taghhom u b’din is-sistema huma johorgu l-*average price* ghalhekk l-ammont in kwistjoni huwa l-*average price* ta’ dak l-oggett partikolari. Qal li jista’ jkun li l-oggett fil-fatt kien jiswa iktar, jew jista’ jkun li jiswa’ inqas. Qal li dak li jista’ jghid hu bejn wiehed u iehor il-perjodu meta nxtraw dawk it-tipi ta’ magni. Qal ukoll pero’ li l-magna ‘n kwistjoni setghet kienet fil-post qabel ma beda jopera l-konvenut, qabel ma effettivament dahal fih il-konvenut. X’gara f’dan il-kaz partikolari ma setax jghid, ma setax jikkonferma jekk il-magna kinitx gdida jew le meta dahal fil-post Naylor. Qal li hu naturali wkoll li dawn l-oggetti jkollhom *devaluation* fil-prezz, ikun hemm 20% *depreciation* kull sena. Qal li l-*average dispensing unit* ma tkunx assigurata. Zied jghid li l-ftehim in kwistjoni kien bejn is-socjeta’ attrici u Mark Gerard Naylor u hu qatt ma

tkellem mas-socjeta' Tourist Services Limited. Qal li bhala principju, dejjem ma' l-operatur tal-*outlet* jaghmlu l-ftehim huma.

Illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar 2010 xehed **Lawrence Formosa** (fol. 64 et seq) ghan-nom tas-socjeta' Atlas Insurance u kkonferma li kien minnu li huma kellhom polza ta' sigurta' li tkopri 'La Valette' *block* ghan-nom tas-socjeta' Tourist Services Limited. Qal li l-polza 'n kwistjoni kienet maghrufa bhala 'Hoteliers Combined Policy' kienet tkopri l-binja, l-kontenut, *public liabilities*, *employer* u affarijiet bhal dawn. Qal li hu kellu kopja ta' din il-polza, li kienet tkopri l-istabbiliment 'La Valette' waqt il-perjodu tal-incident. Zied jghid li huma kienu qabbdu *loss adjuster* AP Services Limited u kellu jara x'gara u ma garax u jaghtihom rapport dwar *office findings*. Qal li wara diversi diskussjonijiet ikkonkludew il-kaz. Qal li l-klijent taghhom kien kopert ghall-hsarat li sofra u kienu rrimbursaw lil Tourist Services u dan ikopri l-hsarat li kien sofra l-klijent. Ipprometta li jesebixxi *claim* li saret mis-socjeta' Tourist Services.

Illi fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2010 **rega' xehed Lawrence Formosa** (fol. 67 et seq) fejn qal li kien qed jesebixxi l-*policy* kif ukoll il-*claim,* kif ukoll tliet faxxikoli bhala dokument CS1, 2 u 3 rispettivament. Qal li dawn id-dokumenti kienu tliet *policies* il-*hoteliers combined, machinery breakdown policy* u *electronic equipment policy*. Esebixxa wkoll dokumentazzjoni ohra li geit markata bhala dokument CS 4 u CS 5 li huma pagamenti li saru lil 'St George's Limited', kif ukoll kopja tar-rapport tal-*loss adjuster* markat bhala CS 4, kif ukoll pagament u rapport tal-*loss adjuster* li sar lil Kevin Attard markat hala dokument CS 5. Zied jghid li dan Attard kien wiehed mit-*tenants* fi-kumpless ta' 'St George's'.

Rat ukoll il-*policy claim* esibita fi tliet faxxikoli mmarkati bhala Dok. CS 1, CS 2 u CS 3 u l-pagamenti mmarkati bhala Dok. CS 5 u CS 5 a fol. 69 tal-atti.

Illi fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2010 xehed **Anthony Borg** (fol. 87 et seq) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' Executive tal-group 'Tourist Services Limited'. Mistoqsi x'relazzjoni kien hemm bejn Mark Gerard Naylor il-konvenut u s-socjeta' minnu rapprezentata wiegeb li Mark Naylor kien l-operatur tal-Lounge Bar propjeta' tas-socjeta' 'Tourist Services Limited'. Ikkonferma li s-socjeta' minnu rappresentata ma kellha l-ebda relazzjoni ma' Farsons. Qal li m'ghamlu ebda ordnijiet u ma ndahlu xejn dwar il-kwistjoni ta' kiri tal-magna *dispenser unit* li kellu Mark Naylor fil-hanut u *restaurant* tieghu. Qal li l-*insurance policy* li kien hemm fuq ir-*restaurant* tohrog fuq talba tas-socjeta' 'Tourist Services Limited'. Spjega li kull sena hu jsejjah l-operaturi, u jekk l-operaturi jixtiequ jghamlu xi zieda fil-polza jinfurmawh, u hu jkun jista' jinkludiehom fil-polza. Spjega li f'dan il-kaz ma kienx jaf b'din id-*dispenser* u fl-ebda cirkostanzi s-Sur Naylor ma nfurmah dwarha w ghalhekk zgur li ma kienetx koperta bil-polza ta' sigurta' li kien hemm. Esebixxa kopja tal-lista tal-oggetti li huma kklejmjaw meta ghamlu l-*claim* mal-insurance. Qal li fost dawn l-oggetti li hemm indikati f'din il-lista esibita bhala dokument CS 6 m'hemmx indikat din id-*dispenser unit*. Mistoqsi fil-fatt ghaliex ir-rapprezentant ta' Farsons qal li din il-*beverage unit* kienet fil-post qabel ma ha *over* Naylor wiegeb li jista' jkun, pero' hu dan ma jkunx jafu. Qal li jekk l-operatur ta' qablu ma jkunx qallu biha, xorta ma tkunx iddahhlet fil-lista tal-*amenities* li jkun hemm. Mistoqsi min kien l-operatur qabel Mark Naylor, wiegeb li jekk ma' kienx sejjer zball kien certu Mark Spiteri li aktarx kien ilu jokkupa l-post ghal xi perjodu ta' tliet snin.

Rat ukoll il-lista tal-oggetti esibita bhala Dok. CS 6 (fol. 86), u minn ezami tal-istess ma jirrizultax li effettivament kien hemm imsemmi id-*dispensing beverage unit*.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2010.

Ikkunsidrat:

Illi bhala fatt jirrizulta, u mhux kontestat, li l-fond fejn kien hemm id-*dispensing unit* kien gie mikri lill-konvenut mis-socjeta' kjamata 'n kawza, u li fil-fond kien hemm *Dispensing Beverage Unit* mikrija lilu mis-socjeta' attrici. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien iffirma ftehim dwar din id-*dispensing unit* mas-socjeta' attrici, liema ftehim jinsab esebit fl-atti, u dan jammonta ghal *pacta sunt servanda*. Huwa minnu li kif stqarret is-socjeta' kjamata 'n kawza, hija ma kinitx firmatarja ta' dan il-ftehim dwar l-uzu tad-*dipsening unit,* ghalkemm hadet hsieb li l-fond in kwisjtoni fejn kienet installata din id-*dispenisng unit* tkun koperta b'polza ta' sigurta'. Jirrizulta wkoll, mid-dokumenti esebiti, li din id-*dispensing unit* ma kinitx koperta bil-polza li kien hemm fuq il-post. Jirrizulta wkoll li din id-*dipsening unit* giet distrutta waqt hruq li kien hemm fil-fond waqt li kien hemm il-kirja f'idejn il-konvenut. Dawn il-fatti kollha mhumiex kontestati bejn il-partijiet.

Principalment il-konvenut jghid li d-*dispening unit* giet distrutta minhabba hruq li kien rizultat ta' *casus*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antonio Grech et vs Emmanuela Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-23 ta' Jannar 1985, inghad li fi kliem l-Artikolu 1651 tal-Kodici Civili, l-inkwilin iwiegeb ghal kull hsara li tigri bil-hruq, kemm-il darba ma jipprovax li tkun grat minghajr htija tieghu. F'din il-kawza, l-Qorti kienet qalet li l-inkwilin irid jipprova li l-hruq

ma kienx wiehed doluz, sabiex jesimi ruhu minn kwalsiasi responsabbilta'.

**L-artikolu 1651 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-kerrej iwiegeb ghall-hsara li tigri bi hruq f'oggett mikri, kemm-il darba ma jipprovax li tkun grat minghajr il-htija tieghu jew tal-membri tal-familja tieghu, jew mis-sefturi jew mistednin tieghu, jew mis-sub-kerrejja tieghu, jew b'accident, jew b'forza magguri, jew b'difett fil-bini jew li l-hruq gie komunikat minn fond vicin.**

Dan ifisser li l-obbligazzjoni tal-kerrej li jwiegeb ghal hsara bil-hruq fil-fond mikri, hija obbligazzjoni kontrattwali. L-inkwilin meta mikri, jintrabat mas-sid li jaghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati b'incendju, purche' ma jgibx xi wahda mill-provi indikati fil-paragrafu precedenti. Biex il-kerrej ma jkunx tenut responsabbli ghal dik l-obbligazzjoni, mhux bizzejjed li ma jirrizultax li l-incendju jkun gara bi htija tieghu. Hija mehtiega prova pozittiva.

Kif irriteniet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Muscat vs Scicluna</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appel nhar is-26 ta' April 1984, dan ifisser li f'kaz ta' lokazzjoni ta' fond il-presunzjoni hija li l-kerrej huwa responsabbli ghall-hsara li tigri fih bi hruq. Din il-presunzjoni pero' hija presunzjoni *juris tantum* u l-kerrej ma jibqax responsabbli jekk jipprova li l-hsara tkun grat minghajr il-htija tieghu jew minghajr il-htija tal-persuni fuq imsemmija jew b'forza magguri, jew b'accident jew minhabba difett fil-bini jew minhabba hruq fil-fond adjacenti.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili **<u>Spiridione Zammit et vs Emmanuele Cachia Mugliette et</u>** deciza 21 ta Marzu 1957, gie deciz li "Min ikollu f'idejh haga b'titolu ta' kiri ghandu jkun ezenti minn kull responsabilita', anke fil-konfront tal-persuna li krietlu dik il-haga, ghall-hsara li tigri lil dik il-haga waqt li tkun ghandu

mikrija, jekk huwa jipprova li  l-hsara grat minhabba kawza estraneja ghalih u minghajr htija tieghu.

Illi f’dan il-kaz jirrizulta li l-konvenut kera l-fond minghand l-attur f’Jannar 2003 u ghalhekk huwa prezunt li beda jopera fih minn dakinhar ‘il quddiem.  Inghad mill-konvenut, u ma gie ribadit minn hadd, li huwa qatt m’ghamel xi xoghol fis-sistema elettrika li kien hemm, u kien halla kollox kif kien.  Dan lanqas m’hu kontestat.  Jirrizulta li l-hruq sehh fil-15 ta’ Dicembru 2006 u cioe’ tliet snin wara li kien ha l-kirja.  Illi  gie ppruvat minn ezami tal-proces verbal redatt mill-Magistrat tal-Ghassa, li l-hruq kien wiehed accidentali u li ghalhekk ma kienx tort tal-konvenut. Irrizulta li l-kagun kien is-sitema tad-dawl li kien hemm installata, li sahnet. Illi pero’ din is-sistema kienet ilha hemm, u ghalhekk il-konvenut ma kellux ghalfejn jahseb li kien hemm xi haga rregolari fiha, u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li kien negligenti  jew b’xi mod ghen jew iffacilita dan il-hruq.  Dan kien kaz ta’ *casus*.

Issa skond is-sentenzi fuq citati, l-konvenut ghandu jipprova sal-grad ta’ probabilita’, kif rikjest fil-Kodici Civili, li l-hruq ma sehhx tort tieghu.  Hija l-fehma tal-Qorti li dan huwa dak li sehh, specjalment meta tqis ukoll li sid il-post gie kkumpensat mis-socjeta’ assikuratrici ghad-danni li sofra bhala rizultat tal-hruq.  Kieku kien hemm xi nuqqasijiet, zgur li s-socjeta’ assikuratrici ma kienitx thallas u tissetilja l-klejm li ghamlet is-socjeta’ kjamata ‘n kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol sabiex tiddiskuti l-eccezzjonijiet l-ohra, ghaliex il-kuntratt li gie ffirmat bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut, li jorbot lill-kontendenti f’din il-kawza, ma jipprovdix x’jigri f’kaz bhal dan, u cioe’ li d-*dispensing unit* tigi distrutta minhabba *force majeur*, u ghalhekk il-Qorti trid taqa’ fuq il-principji

> generali tal-Ligi u appuntu ghal dak li jghid l-Artikolu 1651 tal-Kodici Civili fuq imsemmi.
>
> Dwar l-eccezzjoniiet tas-socjeta’ kjamata ‘n kawza, il-Qorti taqbel li din m’ghandhiex *locus standi* f’din il-kawza, u dan ghaliex mhix firmatarja tal-ftehim tal-kiri li hemm fuq id-*dispensing unit.* Ghalhekk zgur li ma tistax tigi kkundannata ghal xi nuqqas. Jirrizulta mix-xhieda ta’ Anthony Borg, li kieku l-konvenut kien infurmah li kellu din id-*dispening unit* fil-fond lilu mikri, huwa kien izidha mal-lista tal-oggetti koperti bil-polza. Izda huwa ma kien jaf xejn dwarha, u kien ghalhekk li ma kinitx imsemmija fil-lista tal-oggetti li dwarhom ghamel *claim*.
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, li mhux responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrci fid-distruzzjoni tad-*dispensing unit*, tasjteni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra. Qieghda wkoll tilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta’ kjamata ‘n kawza, in kwantu hija m’ghandhiex *locus standi* f’dawn il-proceduri, u ghalhekk qieghda tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut.
>
> L-ispejjez ta’ din il-kawza, nkluz dawk tas-socjeta’ kjamata ‘n kawza, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.”

Il-kuntrast tas-socjeta` attrici ghal din id-decizjoni hu spjegat bl-ilment illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-principji legali dwar id-dmirijiet legali tal-konvenut fil-kapacita tieghu ta’ inkwilin u dwar il-kuncett tal-forza magguri;

In linea ta’ principju generali huwa sew maghruf illi d-danni li jigu kawzati minn forza magguri jew bhala konsegwenza ta’ forza irresistibbli jigu sopportati minn min

ibatihom. Dan sija jekk il-fatt jiddixxendi minn kwazi-delitt (Artikolu 1029, Kodici Civili), sija jekk jinsab f'rapport kontrattwali (Artikolu 1134, Kodici Civili). B'danakollu, hu stabbilit ukoll illi kull wiehed hu responsabbli ghad-danni li jigu kawzati bi htija tieghu (Artikolu 1031 u Artikolu 1125, Kodici Civili), u daqstant iehor hu provvdut illi ghandu jigi konsiderat fi htija dak li fl-ghemil tieghu ma juzax id-diligenza, prudenza, u attenzjoni tal-missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032, u fil-kaz tal-kuntratti, l-Artikolu 1132, Kodici Civili). Tali diligenza hi dik li wiehed normalment juza fil-hajja ta' kuljum. Dan il-principju hu ben saldat. Ara b'ezemplari "**Antonio Micallef *nomine* -vs- Negte Gius. Gasan *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar, 1930;

Iffissati dawn il-principji generali, fil-kaz ta' haga mikrija, il-Kodici Civili jipprovdi b'mod generali illi l-kerrej iwiegeb ghat-tgharrieq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu (Artikolu 1561) u b'mod specifiku "ghal kull hsarat li tigri bi hruq" (Artikolu 1562). Din il-presunzjoni, hekk krejata mill-istess ligi, tibqa' tippersisti ammenokke l-kerrej ma jeghlibhiex bil-prova illi l-event ikun sehh minghajr htija tieghu, jew tal-persuni indikati fl-Artikolu 1563 sussegwenti, jew b'accident, jew b'forza magguri, jew b'difett fil-bini, jew ghaliex il-hruq gie komunikat minn fond vicin. Fi kliem iehor, biex jehles lilu nnifsu mill-obbligazzjoni, il-kerrej-debitur irid juri, bi prova konvincenti, hekk gravanti fuqu, illi hu jaf il-kawza preciza li ddeterminat l-impossibilita` u, ukoll, li din l-istess impossibilita` ma hi marbuta bl-ebda mod ma' xi kondotta tieghu jew tal-persuni dipendenti minnu. Jinghad a propositu fuq dan il-punt illi "l-impossibilita` li ghandha l-effett liberatorju *in subjecta materia* ma hix, per regola, dik relattiva, ossija subbjettiva, imma dik assoluta". ("**John Falzon *nomine* -vs- Silvio Mifsud *nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960);

Skond id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati

fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri u li, ordinarjament, igibu l-impossibilita` tal-prestazzjoni u jiddeterminaw it-telf tal-haga li trid tinghata skond l-oggett ta' l-obbligazzjoni. Hekk, huwa konkordi illi "*il caso fortuito e la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile*" ("**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' minn ikkaguna d-danni. (Ara "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juza. Ara "**Albert Borg Falzon *proprio et nomine et* -vs- Charles Darmanin *proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940;

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji jinkombi lill-Qorti tindaga jekk fil-kaz prezenti l-hsara sofferta mis-socjeta` attrici tistax tigi addebitata b'xi mod lill-konvenut;

Jirrizulta illi fil-15 ta' Dicembru 2006 skoppja incendju fil-Lounge Bar tal-lukanda "La Vallette Resort", gestit mill-konvenut bi ftehim mal-kumpanija kjamata in kawza, proprjetarja tal-lukanda. Fil-mument ta' l-incendju kien hemm f'dak il-Bar il-*beverage dispensing unit* dwar liema l-konvenut kien ikkuntratta direttament mas-socjeta` attrici fis-17 ta' Marzu 2003 (ara l-ftehim relattiva a fol. 4). Hu mill-konvenut testwalment iddikjarat illi saz-zmien ta' l-incendju, *qua* gestur tal-Bar, "*I never altered the physical properties of the premises*" u, ukoll "*I never made any additions or substitutions in the electrical appliances used in the said premises*" (ara Affidavit tieghu a fol. 37);

Jirrizulta wkoll, bhala stat ta' fatt, minn dak li jiddixxendi mill-Process Verbal fl-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali (fol. 42) illi:-

i. Il-hruq origina fil-livell tas-saqaf tal-*wall unit* li kien hemm wara l-bank tal-Lounge Bar;

ii. Is-sors tal-hruq kien il-*ballast* jahraq tat-tubi fluorexxenti li kienu jinsabu mwahhlin ma' dak il-*wall unit*;

iii. Minhabba dan it-trattament ta' tishin perijodiku fuq firxa ta' snin, l-injam tal-*wall unit* f'kuntatt dirett mal-*ballast* garrab degrade termali sal-punt li fl-ahhar gie ridott ghal stat li fih il-materjal cellulosiku tieghu seta' jkompli jossida b'reazzjoni ma' l-ossiginu ta' l-arja, liema reazzjoni setghet twassal sabiex l-injam jibda *smouldering fire* li wara zviluppa f'hin qasir fi *flaming fire*;

Is-socjeta` appellanti tissottometti r-rikostruzzjoni taghha tal-provi b'dawn is-sottomissjonijiet valutativi. Ghalkemm jista' jkun veru li l-konvenut qatt ma ghamel xoghol fis-sistema elettrika li kien hemm, il-fatt li halla kollox kif kien u ma ha ebda mizuri biex jivverifika illi s-sistema tad-dawl ma kienetx fi stat perikoluz jew difettuz, dan jammonta ghal negligenza cara. Gjaladarba dawn ic-cirkostanzi kienu taht il-kontroll tieghu ma jistax jezimi ruhu mir-responsabilita` billi jinvoka l-forza magguri;

Meta l-Qorti tipprogetta ruhha ghall-qaghda *ex-ante* l-incendju u tevalwa wkoll is-sitwazzjoni rizultanti mill-verifiki konstatati mir-rapport ta' l-esperti nominati mill-Qorti tal-Magistrati ta' Investigazzjoni Kriminali, din il-Qorti ma tarax kif tista' tikkonkorda mal-veduta prospettata mis-socjeta` appellanti. Ir-rizultanzi processwali, partikolarment ir-rapport imsemmi, ma jhallu ebda dubju illi ma kienx facilment prevedibbli ghall-fini li jista' jigri dak li gara meta l-konvenut ma bidel xejn mill-arredamenti jew attrezzaturi li kien hemm fil-lok lilu moghti b'gestjoni u ma ssostitwixxa l-ebda parti li kellha x'taqsam mas-sistema elettrika minn dik li kienet, la qatt qabel ma kien hemm indikaturi ta' xi gwast fis-sistema. Huwa la ghamel, u lanqas ma ommetta li jaghmel, xi haga biex jikkawza n-

nar jew li jagevola t-tixrid tieghu.  Fi kliem iehor ma holoq ebda sitwazzjoni li minnha setghet tkun prevvista l-ipotesi ta' l-incendju ta' l-oggett fdat lilu mill-kumpanija attrici, anke ghaliex l-event kien wiehed straordinarju u *ex-abrupto* li fuqu l-konvenut ma kellu ebda kontroll.  F'kaz ta' din ix-xorta huwa difficli li jigi asserit illi bniedem normali mill-ewwel kien jinduna jew jirrealizza li seta' jsir hruq bil-mod kif imfisser mill-esperti kkonsultati.  Dak li gara kien inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevedut;

Minn dan konsiderat il-Qorti thossha moralment konvinta illi gjaladarba, bil-kontra ta' dak dedott mis-socjeta` attrici, ma kien hemm l-ebda difett *ut sic* fis-sistema ta' l-elettriku fil-Bar izda biss tishin li accidentalment gie progressivament f'kuntatt ma' l-injam tal-*wall unit*, ma tista' tigi ravvizata ebda imprudenza jew negligenza da parti tal-konvenut, anke ghaliex, kif tajjeb osservat mill-ewwel Qorti, ma kienu jezistu ebda indikaturi biex il-konvenut ikollu ghalfejn jissuspetta jew jahseb li kien hemm xi haga irregolari.  Jekk hemm bzonn jigi ripetut f'dan il-kuntest jassumu riljev partikolari l-accertamenti ta' l-esperti li, validament konsiderati, jezoneraw lill-konvenut minn htija ghall-akkadut.  Dan ghaliex kienu cirkostanzi fejn gustament japplika l-principju "*casus sentit dominus*".

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza appellata u konsegwentement tichad l-appell tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------